A.L. 401 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut taċ-Ċentru li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru Ewro-Mediterranju għar-Riċerka fl-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Lulju 2010 'l quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut miċ-Ċentru għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi: grad ta' Master fl-Edukazzjoni, jew grad ta' Master f'xi waħda mix-Xjenzi Soċjali.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inkluż is-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll li juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat għad-Dottorat taċ-Centru

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat għad-Dottorat taċ-Ċentru li jkun magħmul kif ġej:

Id-Direttur taċ-Ċentru jew delegat (*chairman*)
Tliet membri tal-istaff akkademiku minn bordijiet assoċjati maċ-Ċentru (jiġifieri l-Bord taċ-Ċentru, il-Bord tal-Istudji tal-kors għall-MA Comparative Euro-Mediterranean Education Studies offrut miċ-Ċentru, u l-bord editorjali tal-Mediterranean Journal of Educational Studies).

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat għad-Dottorat taċ-Ċentru, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni għall-Grad tal-istudent.

8. (1) Wara 12-il xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa li jissottomettu rapport dwar ix-xogħol tar-riċerka tagħhom għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun magħmul minn *chairman*, li jkun id-Direttur taċ-Ċentru jew id-delegat tiegħu, u żewġ eżaminaturi, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali u l-ieħor ikun membru tal-Bord taċ-Ċentru jew tal-Bord tal-Istudji tal-kors għall-MA Compartive Euro-Mediterranean Education Studies.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu jissottometti rapport bil-miktub l-ewwel għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat għad-Dottorat taċ-Ċentru. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti reġistrati maċ-Ċentru jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim taċ-Ċentru.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom jiġu avżati li huma meħtieġa jinfurmaw liċ-Ċentru li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-ezami mhux anqas minn tliet xhur qabel id-data meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida dwar il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat miċ-Ċentru għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat tagħhom, tliet kopji tat-tezi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Kopja waħda tat-teżi tinżamm fil-Librerija taċ-Ċentru u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.